

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Ġunju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo — il-Portugall) — Amorim Energia BV vs Ministério das Finanças e da Administração Pública

(Kawża C-38/11) ⁽¹⁾

“L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE — Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE — Direttiva 90/435/KEE — Artikolu 3(2) — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Taxxa fuq id-dividendi — Taxxa f'ras il-ġhajn — Eżenzjoni — Żamma ta' sehem minimu fil-kumpannija li tqassam id-dividendi — Kundizzjonijiet — Perjodu minimu ta' żamma mhux interrott tal-imsemmi sehem — Kundizzjonijiet — Kumpanniji benefiċjarji residenti u mhux residenti — Differenza fit-trattament”

(2012/C 366/29)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Amorim Energia BV

Konvenut: Ministério das Finanças e da Administração Pública

fil-preżenza ta': Ministério Público

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supremo Tribunal Administrativo — Interpretazzjoni tal-Artikoli 63 u 65 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dividendi mqassmin lil kumpanniji mhux residenti għal sistema fiskali inqas favorevoli minn dik applikabbli għad-dividendi mqassmin lill-kumpanniji residenti — Ħtieġa ta' perjodu minimu ta' pussess tal-azzjonijiet itwal u ta' sehem azzjonarju minimu ikbar għall-kumpanniji mhux residenti.

Dispożittiv

(1) L-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE jipprekludu li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tippermettix lil kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor li tippossjedi, f'kumpannija residenti fil-Portugall, sehem ogħla minn 10 % iżda iktar baxx minn 20 %, li jiksbu l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-ġhajn fuq it-tqassim tad-dividendi li saru mill-kumpannija residenti fil-Portugall u b'hekk dawn id-dividendi jiġu suġġetti għal taxxa doppja, filwaqt li, meta d-dividendi huma mqassma lill-kumpanniji azzjonarji residenti fil-Portugall u għandhom l-istess tip ta' ishma, tali taxxa doppja tad-dividendi ma

sseħħx. Meta Stat Membru jinwoka ftehim bil-għan li tiġi evitata t-taxxa doppja, konkluż ma' Stat Membru ieħor, hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi jekk għandux jiġi kkunsidrat dan il-ftehim u, jekk ikun il-każ, li jiġi vverifikat jekk dan jinnewtralizzax l-effetti tar-restrizzjoni għall-moviment ħieles tal-kapital.

(2) L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE jipprekludu li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lil kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor li tippossjedi, f'kumpannija residenti fil-Portugall, sehem ogħla minn 20 % li tikseb ir-rimbors tat-taxxa f'ras il-ġhajn fuq it-tqassim tad-dividendi li saru mill-kumpannija residenti fil-Portugall biss meta hija għandha tali sehem b'mod mhux interrott għal sentejn u b'hekk tittardja l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fir-rigward tal-kumpanniji azzjonarji residenti fil-Portugall, li għandhom l-istess ishma. Meta Stat Membru jinwoka ftehim bil-għan li tiġi evitata t-taxxa doppja, konkluż ma' Stat Membru ieħor, hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi jekk għandux jiġi kkunsidrat dan il-ftehim u, jekk ikun il-każ, li jiġi vverifikat jekk dan jinnewtralizzax l-effetti tar-restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

⁽¹⁾ ĠU C 130, 30.04.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2012 — Densmore Ronald Dover vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-278/11 P) ⁽¹⁾

(Appell — Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tad-deputati Ewropej — Stħarriġ tal-użu tal-allowances — Allowance ta' assistenza parlamentari — Ġustifikazzjoni tal-ispejjeż — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament)

(2012/C 366/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Densmore Ronald Dover (rappreżentanti: D. Vaughan QC, M. Lester, Barrister u R. Collard, Solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Moore u M. Windisch, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Dover vs Il-Parlament Ewropew (T-149/09) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni tas-segretarju ġenerali tal-Parlament Ewropew, tad-29 ta' Jannar 2009, li jiġu rkuprati ċerti somom indebitament imħallsa lill-appellant bħala spejjeż u allowances parlamentari

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Densmore Ronald Dover huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 252, 27.08.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2012 — Power-One Italy SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-372/11 P) (¹)

(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Proġett kofinanzjat bl-istrument finanzjarju “LIFE” — Żvilupp ta' sistema ġdida ta' provvista ta' enerġija għal użu fit-telefonija mobbli (proġett “Pneuma”) — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li jintemm proġett u li jiġi rkuprat il-ħlas magħmul bil-quddiem — Kumpens għad-dannu allegatament subit)

(2012/C 366/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Power-One Italy SpA (rappreżentanti: R. Giuffrida u A. Giussani avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u D. Recchia, aġenti)

Suġġett

Appell mid-Digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-24 ta' Mejju 2011, Power-One Italy vs Il-Kummissjoni (T-489/08), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ħadet rikors intiż għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jintemm il-proġett Pneuma (LIFE04 ENV/IT/000595), intiż għall-kofinanzjament tal-iżvilupp ta' sistema ġdida ta' provvista ta' enerġija għall-użu fit-telefonija mobbli — Aspettattivi leġittimi — Obbligu ta' motivazzjoni

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Power-One Italy SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 282, 24.09.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel — il-Belġju) — Tate & Lyle Investments Ltd vs Belgische Staat

(Kawża C-384/11) (¹)

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Artikolu 63 TFUE — Leġiżlazzjoni fiskali — Distribuzzjoni ta' dividendi — Taxxa f'ras il-ġhajj — Prevenzjoni jew tnaqqis tal-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi — Trattament distint tal-kumpanniji benefiċjarji residenti u tal-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti)

(2012/C 366/32)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Tate & Lyle Investments Ltd

Konvenuta: Belgische Staat

fil-preżenza ta': Syral Belgium NV

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank van eerste aanleg te Brussel — Interpretazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE — Restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Taxxa fuq id-dividendi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippredvi taxxa f'ras il-ġhajj ta' 10 % fuq id-dividendi ddistribwiti minn kumpanniji residenti kif ukoll fuq id-dħul assimilati — Tpaċija tal-ammont ta' din it-taxxa f'ras il-ġhajj mat-taxxa fuq il-kumpanniji li hija possibbli biss għall-kumpanniji residenti

Dispożittiv

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipperkludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta għal taxxa f'ras il-ġhajj id-dividendi ddistribwiti minn kumpannija residenti lil kumpanniji benefiċjarji residenti u mhux residenti li għandhom sehem ta' inqas minn 10 % fil-kapital ta' din il-kumpannija distributriċi iżda li l-valur tal-akkwist tiegħu huwa ta' inqas minn EUR 1.2 miljuni filwaqt li tippredvi mekkaniżmu li jippermetti t-tnaqqis tal-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi għall-kumpanniji benefiċjarji residenti biss. Meta Stat Membru jinvoka ftehim għall-prevenzjoni ta' taxxa doppja konkluż ma' Stat Membru ieħor, huwa l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tistabbilixxi jekk dan il-ftehim għandux jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kawża li jkollha quddiemha u, jekk ikun il-każ, li tivverifika jekk dan jippermettix li jiġu nnewtralizzati l-effetti tar-restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital.

(¹) ĠU C 282, 24.09.2011.